## X'INHU L-PREMJU LUX?

Stabbilit fl-2007, il-Premju LUX huwa premju taċ-ċinema li jingħata kull sena mill-Parlament Ewropew. Il-Premju LUX għandu żewġ objettivi prinċipali: li jixħet dawl fuq id-dibattitu pubbliku dwar l-Ewropa, u li jkun ta' sostenn għad-distribuzzjoni ta' ko-produzzjonijiet Ewropej fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Filfatt, id-distribuzzjoni hija 'l-għarqub ta' Achille' taċ-ċinema Ewropew milqut minn problemi lingwistiċi. Il-Premju LUX jimmira li jegħlibhom.

Il-Premju LUX għen biex films Ewropej jilħqu udjenza akbar billi appoġġja l-produzzjoni ta' sottotitli u d-distribuzzjoni tagħhom. Permezz tal-Premju LUX, il-Parlament Ewropew jappoġġja d-diversita' kulturali kif ukoll jgħin fil-binja ta' pontijiet bejn l-Ewropej.

## X'INHUMA L-JIEM TAL-FILMS LUX?

It-3 films fil-Kompetizzjoni Uffiċjali tal-Premju LUX jintwerew fit-28 pajjiż tal-Unjoni Ewropea fl-istess perjodu ta' żmien - fil-ħarifa 2013. Bħala parti mill-Premju LUX, it-3 films fil-Kompetizzjoni huma ssottotitolati fl-24 lingwa tal-Unjoni Ewropea. L-għan huwa li tixtered id-diversità u r-rikkezza taċ-ċinema Ewropew mal-akbar numru ta' Ewropej possibli u li jiġu diskussi t-temi murija fil-films tal-Premju LUX 2013. Is-suġġetti mqajma f'dawn il-films huma komuni għalina lkoll, jgħidu l-istejjer tagħna, jolqtu s-sentimenti tagħna u jindirrizzaw temi li lkoll kemm aħna naffaċjaw.

## KIF JINTGĦAŻLU L-FILMS?

It-3 films fil-Kompetizzjoni Uffiċjali jintgħażlu minn grupp ta' professjonisti fl-industrija taċ-ċinema li jiffurmaw il-Bord ta' Selezzjoni.

Il-film rebbieħ jiġi deċiż u ppremjat mill-Membri tal-Parlament Ewropew. Din is-sena il-premju ser jingħata fil-11 ta' Diċembru.

## X'IHNI L-PUBLIC *MENTION*?

Il-Public Mention hija l-għażla tal-pubbliku. Hija l-okkażjoni tiegħek li teleġġi l-film jew is-suġġett favorit tiegħek mis-selezzjoni LUX. Kull m'għandek tagħmel huwa li sempliċement iżżur il-website luxprize.eu jew il-paġna fuq Facebook u tesprimi l-opinjoni tiegħek. Ir-riżultat tal-Public Mention huwa mħabbar fil-Festival Internazzjonali tal-Films ta' Karlovy Vary f'Ġunju/Lulju 2014. Dan l-avveniment iġib fit-tmiem l-edizzjoni kurrenti tal-Premju LUX u jwitti t-triq għall-edizzjoni li jmiss bit-tħabbira tal-10 films tas-Selezzjoni Uffiċjali.




ARA,
IDDIBATTI
UVVOTA

@luxprize
#luxprize

WWW.LUXPRIZE.EU

LUX FILM PRIZE

**JIEM TAL-FILMS LUX**
3 FILMS | 24 LINGWA
28 PAJJIŻ EWROPEW
WWW.LUXPRIZE.EU

PARLAMENT EWROPEW
SAQSI.
IPPARTEĊIPA.
AGĦŻEL.




## MIELE

**Direttur:** Direttur: Valeria Golino
**Pajjiż:** Italja, Franza
**Sena:** 2013
**Tul tal-film:** 100'
**Atturi:** Jasmine Trinca, Carlo Cecchi, Libero De Rienzo, Vinicio Marchioni, Iaia Forte
**Produttur:** Viola Prestieri, Riccardo Scamarcio, Anne-Dominique Toussaint, Raphael Berdugo
**Produzzjoni:** Buena Onda, Les Films des Tournelles, Rai Cinema, Cité Films
**Premijiet/Selezzjoni:** Cannes 2013, Un Certain Regard, Festival tal-Film Brussell 2013, Kompetizzjoni għas-Selezzjoni Uffiċjali tal-Premju Lux 2013, Globi d'Oro 2013 - L-aħjar film debuttanti, L-Aħjar attriċi (Jasmine Trinca)

### Fil-qosor

Irene tgħix ħajja kemmxejn iżolata weħidha. L-attivita` illegali tagħha hija li tgħin nies b'mard terminali biex itemmu ħajjithom b'mod dinjituż billi tipprovdilhom il-mezzi farmeċewtiċi għal dan. Jum minnhom tipprovdi "klijent" ġdid b'doża fatali, u tiskopri li filfatt kien perfettament f'saħħtu. Irene hija determinata li ma tkunx responsabbli għas-suwiċidju tiegħu. Minn dan il-mument, Irene u Grimaldi jinsabu marbuta kontra r-rieda tagħhom f'relazzjoni mimlija tensjoni u xejn komuni li ser tbiddel ħajjet Irene għal dejjem.




## THE BROKEN CIRCLE BREAKDOWN

**Direttur:** Felix van Groeningen
**Pajjiż:** Belġju
**Sena:** 2012
**Tul:** 110'
**Atturi:** Veerle Baetens, Johan Heldenbergh, Nell Cattrysse, Geert van Rampelberg, Nils de Caster
**Produttur:** Dirk Impens
**Ko-produtturi:** Frans Van Gestel, Arnold Heslenfeld, Laurette Schillings
**Produzzjoni:** Menuet Producties, Topkapi Films
**Premijiet/Selezzjoni:** Berlinale 2013, Panorama Special Audience Award, CPH PIX 2013, Kompetizzjoni għas-Selezzjoni Uffiċjali tal-Premju Lux 2013, Festival tal-Film Tribeca 2013

### Fil-qosor

*The Broken Circle Breakdown* jgħid l-istorja ta' mħabba bejn Elise u Didier. Hi għandha ħanut tat-tatwaġġ; huwa jdoqq il-banġu fi grupp mużikali. Hija mħabba mill-ewwel mument, minkejja differenzi kbar bejniethom. Huwa jitkellem, hija tisma'. Huwa profondament ateu, minkejja li fl-istess waqt huwa romantiku. Hija għandha salib mpinġi fuq għonqha, minkejja li żżomm saqajha t-tnejn mal-art. Il-kuntentizza tagħhom hija kompleta wara t-twelid tat-tifla tagħhom Maybelle. Sfortunatament, ta' sitt snin Maybelle timrad serjament. Didier u Elise jirreaġġixxu b'modi differenti ħafna. Iżda Maybelle ma tħallilhom l-ebda għażla. Didier u Elise jkollhom jiġġieldu għaliha flimkien.




## THE SELFISH GIANT

**Direttur:** Clio Barnard
**Pajjiż:** Renju Unit
**Sena:** 2013
**Tul tal-film:** 93'
**Atturi:** Sean Gilder, Siobhan Finneran, Lorraine Ashbourne, Steve Evets, Elliott Tittensor, Conner Chapman, Shaun Thomas
**Produttur:** Tracy O'Riordan
**Produzzjoni:** Moonspun Films, BFI Film Fund, FilmFour
**Premijiet/Selezzjoni:** Cannes 2013, Directors' Fortnight, Kompetizzjoni għas-Selezzjoni Uffiċjali tal-Premju Lux 2013

### Fil-qosor

Ħrafa kontemporanja dwar Arbor, tifel ta' erbatax-il sena u l-ħabib tal-qalb tiegħu Swifty. Imkeċċija mill-iskola u barranin fil-komunita` tagħhom, it-tfal jiltaqgħu ma' Kitten, negozjant tar-ruttam, u jibdew jiġbru r-ruttam għalih biż-żiemel u l-karrettun. Swifty għandu don naturali maż-żwiemel u Arbor għandu xeħta għan-negozju u jaf iqieħed il-kliem - jagħmlu tim tajjeb. Iżda meta Arbor jibda jagixxi fuq il-passi ta' Kitten u jsir rgħib u sfruttatur, tikber tensjoni li twassal għal avveniment traġiku li jittrasformahom b'mod irrevokabbli.

Għax iċ-ċinema għandu l-qawwa li jemozzjonana u l-kultura li tilluminana.
Għax iċ-ċinema u l-kultura huma l-istrumenti ideali sabiex niskopru l-isfond komuni tagħna kif ukoll id-diversitajiet tagħna.
Għax magħqudin fid-diversita' u l-Unjoni Ewropea hija l-ispazju komuni tagħna.

**MIELE** ta' Valeria GOLINO, **THE BROKEN CIRCLE BREAKDOWN** ta' Felix van Groeningen u **THE SELFISH GIANT** ta' Clio Barnard jinsabu fuq il-programm tat-tieni edizzjoni tal-LUX FILM DAYS imtella' mill-Parlament Ewropew.

Meħudin flimkien, dawn it-3 films rimarkabbli jirriflettu r-rikkezza, il-profondità u l-isbuħija taċ-ċinema Ewropew. Kull film jieħu pożizzjoni dwar il-kwistjonijiet li qiegħda taffaċja s-soċjeta' tagħna b'mod realistiku jew immaġinattiv, aggressivament jew delikatament.

Morru u araw dawn il-films u ddiskutu fuq luxprize.eu l-problemi ta' leġittimita' (jew in-nuqqas tagħha) meta jingħata s-serħan mit-tbatija lil dawk li mhumiex f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjoni libera (MIELE), jew kif jirreaġġixxu ż-żgħażagħ emarġinati mis-soċjetà u mill-istituzzjonijiet (THE SELFISH GIANT), u kif koppja żagħżugħa Ewropea maħkuma minn avvenimenti traġiċi jiddubbitaw l-valuri kollha tagħhom (THE BROKEN CIRCLE BREAKDOWN).

## 28 PAJJIŻ EWROPEW

**BELGIQUE / BELGIË**
BRUXELLES / BRUSSEL
**БЪЛГАРИЯ**
СОФИЯ
**ČESKÁ REPUBLIKA**
BRNO
**DANMARK**
KØBENHAVN
**DEUTSCHLAND**
BERLIN, KÖLN, MÜNCHEN
**EESTI**
TALLINN
**ÉIRE / IRELAND**
CORCAIGH / CORK
**ΕΛΛΆΔΑ**
ΘΕΣΣΑΛΟΝΙΚΗ
**ESPAÑA**
BARCELONA, GIJON, LANZAROTE, SANTIAGO DE COMPOSTELA, SEGOVIA, SEVILLA
**FRANCE**
ANGOULÊME, MARSEILLE, STRASBOURG
**HRVATSKA**
ZAGREB
**ITALIA**
ROMA, BOLOGNA
**ΚΎΠΡΟΣ**
ΛΕΥΚΩΣΙΑ
**LATVIJA**
RĪGA
**LIETUVA**
VILNIUS, KAUNAS, PANEVĖŽYS
**LUXEMBOURG / LUXEMBURG**
LUXEMBOURG / LUXEMBURG
**MAGYARORSZÁG**
BUDAPEST
**MALTA**
VALLETTA
**NEDERLAND**
LEIDEN
**ÖSTERREICH**
WIEN
**POLSKA**
WARSZAWA, WROCŁAW
**PORTUGAL**
LISBOA
**ROMÂNIA**
BUCUREŞTI
**SLOVENIJA**
LJUBLJANA
**SLOVENSKO**
BRATISLAVA
**SUOMI / FINLAND**
HELSINGFORS / HELSINKI
**SVERIGE**
STOCKHOLM
**UNITED KINGDOM**
LONDON, BELFAST, GLASGOW

ARA,
IDDIBATTI
UVVOTA

@luxprize
#luxprize

WWW.LUXPRIZE.EU



## FI FTIT KLIEM

Miele hija tfajla Taljana li terħilha lejn il-Messiku. Fi spiżerija tixtri kaxxa Lamputal, prodott maħsub għall-ewtanażja tal-klieb morda... Iżda meta terġa' tmur lura l-Italja nindunaw li Miele tużah b'mod illegali biex persuni li għaddejjin minn tbatija kbira jkunu jistgħu jtemmu ħajjithom minn rajhom b'mod kemm jista' jkun dinjituż.

Din it-tfajla tgħix għalhekk ħajja oħra li l-qraba tagħha ma jafux biha, sakemm jum fost l-oħrajn jitlob is-servizzi tagħha ċertu Sur Grimaldi, inġinier minn Ruma. Ir-reazzjoni tiegħu tissorprendi lil din it-tfajla, li ssejjaħ lilha nnifsha Miele[1] u twassalha biex tiddubita l-fehmiet tagħha.

# TEMA VIŻIBBLI

L-ewtanażja hija t-tema ewlenija tal-film ta' Valeria Golino u tqajjem dibattiti mqanqla f'bosta pajjiżi Ewropej. Għalkemm minoranza ta' pajjiżi bħalma huma l-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvizzera llegalizzaw l-ewtanażja taħt ċerti kundizzjonijiet, il-parti l-kbira tal-pajjiżi l-oħra jqisu l-ewtanażja bħala qtil u, minħabba f'hekk, kundannabbli bla tlaqliq. Għadd ta' pajjiżi bħalma huma n-Norveġja, il-Finlandja, Franza u Spanja jawtorizzaw b'mod xi ftit jew wisq espliċitu l-ewtanażja passiva, jiġifieri li l-pazjent ma jingħatax kura jekk m'hemmx tama li jfiq u jekk issir talba b'mod volontarju mill-pazjent stess. Min-naħa l-oħra, xi pajjiżi, partikolarment dawk bi tradizzjoni kattolika qawwija bħalma huma l-Italja, il-Polonja, il-Portugall u l-Greċja (bi tradizzjoni Ortodossa), jipprojbixxuha b'mod formali. Fl-Italja, fejn isseħħ il-ġrajja rrakontata f'*Miele*, l-ewtanażja attiva hija meqjusa bħala reat li jista' jwassal għal bejn ħames u sittax-il sena ħabs. Dan il-fatt ma waqqafx milli s-suġġett jiġi diskuss f'dibattiti mqanqla, u faċli nifhmu kif il-film ta' Valeria Golino, u l-pożizzjoni li tieħu, servew biex iqanqlu dan id-dibattitu.

L-għan ta' film bħal dan mhuwiex sempliċiment affermazzjoni favur jew kontra l-legalizzazzjoni tal-ewtanażja. *Miele* huwa avventura partikolari li tinvolvi l-kunflitt bejn it-twemmin personali tal-karattru prinċipali u r-realtà, li hija ovvjament aktar kumplessa u aktar kontradittorja, u li ser tbidlilha l-fehmiet tagħha. Filfatt, għalkemm is-Sur Grimaldi għandu ċerta età, huwa mill-ewwel jgħidilha li huwa b'saħħtu u jixtieq jagħmel suwiċidju sempliċiment għax m'għandu l-ebda ħeġġa biex jgħix. Iżda dan jikser bil-kbir ir-regoli li trid tobdi Irene (l-isem veru ta' Miele): tgħin lil dawk il-persuni li ma jeżisti l-ebda rimedju jew tama għat-tbatija jew id-diżabilità tagħhom.

Għalkemm it-tfajla qed tikser il-liġijiet ta'



pajjiżha, hija tobdi regoli oħra, xi ftit jew wisq espliċiti, li jiffaċċjaw limiti ġodda. Għandna naċċettaw li, hekk kif jixtieq is-Sur Grimaldi, wieħed jista' jagħmel suwiċidju għax iddejqu l-ħajja? Huwa tajjeb li tgħin lil xi ħadd jagħmel xi ħaġa bħal din? Dan id-dibattitu morali jwassal biex it-tfajla teżamina l-kuxjenza tagħha: waqt diskussjoni ma' Grimaldi hija tqabbel l-attitudni tiegħu ma' dik tal-persuni kollha li għenet biex imutu f'dawn l-aħħar tliet snin, nies li kieku mhux minħabba t-tbatija li kellhom isofru, fl-aħħar mill-aħħar kienu jixtiequ jibqgħu ħajjin...

B'hekk ir-regoli, kemm jekk huma imposti fuq is-soċjetà kollha kemm hi jew kemm jekk fuq individwu, huma l-qofol tal-film. Meta Miele tinduna li bla ma riedet kisret liġi li f'għajnejha tidher fundamentali, Irene ma tibqax kapaċi tosserva r-regoli sempliċi stabbiliti meta kienet tagħmel l-interventi tagħha (ma tużax ċerti kliem bħal "saħħa" jew "tixtieq...", li jagħtu lil wieħed x'jifhem li hemm possibilità ta' futur). Hija jkollha tiffaċja wkoll ir-reazzjoni tal-kompliċi jew sieħeb tagħha, li meta ssemmilu l-każ ta' Grimaldi, b'mod xott jirrispondiha: "ir-regoli ma jeżistux!". In-nuqqas ta' normi u ta' liġijiet fl-aktar sens wiesa' tal-kelma, huwa xi ħaġa li t-tfajla ma tistax taċċetta.

B'hekk, permezz tad-dubji tal-karattri prinċipali, il-film iqajjem il-kwistjoni tan-normi fis-soċjetajiet tal-Punent fejn kull liġi hija suġġetta għal dibattitu demokratiku u fejn l-ebda awtorità suprema, l-ebda tradizzjoni, l-ebda awtorità (morali, politika jew oħra) ma tista' timponi ruħha fuq l-individwi. Minkejja dan, in-nuqqas ta' normi rikonoxxuti u t-tilwim fl-aktar sens wiesa' tal-kelma, bħal dak ta' bejn Irene u Grimaldi, jista' jissarraf ukoll f'inċertezza u anke nkwiet li għal ħafna nies isir insopportabbli. Irene ma tħallix lir-raġel xiħ għal riħu, anzi tipprova tikkonvinċih biex ma jagħmilx l-għażla fatali tiegħu. Għalkemm fl-aħħar huwa jagħtiha lura l-vażett tal-barbiturat, is-suwiċidju brutali tiegħu fl-aħħar tal-film ifisser ukoll il-falliment tat-tfajla biex tifhem ir-raġunijiet u l-fehmiet mill-aktar intimi tagħha lil ħaddieħor... B'hekk il-film jenfasizza b'mod kemmxejn pessimist il-preżenza dejjiema ta' nuqqas ta' qbil fundamentali, kemm jekk bejn individwi bħalma huma Irene u Grimaldi, kif ukoll fi ħdan familja bħall-familja fejn ir-raġel marid jiġġieled ma' oħtu li bil-moħbi tistmerr l-għażla ta' ħuha, jew anke bejn l-Istati Ewropej peress li żewġ pajjiżi ġirien bħalma huma l-Isvizzera u l-Italja (li jissemmew fil-film) għandhom politiki kompletament differenti dwar l-ewtanażja.

# KWISTJONI EŻISTENZJALI?

Lil hinn mill-kwistjoni tal-leġittimità jew le tal-ewtanażja għall-persuni li waslu fl-aħħar jiem ta' ħajjithom jew li għaddejjin minn tbatija kbira, ir-rieda ta' Grimaldi biex itemm ħajtu twassal lil Irene biex b'mod indirett tirrifletti fuq il-kwistjoni ta' għalfejn qegħdin hawn, kemm fil-każ tal-inġinier, kemm fil-każ tagħha, kif ukoll fil-każ ta' kull bniedem ieħor. Ir-raġel xiħ jistaqsi għala tibqa' tgħix meta ma tixtieq xejn aktar u meta m'għad għandek ħeġġa għal xejn...

Irene tidher li mhijiex kapaċi tirribatti din il-mistoqsija b'argumenti siewja, u l-eżistenza tagħha stess tidher ikkaratterizzata minn sens ta' vojt, min-nuqqas relattiv ta' raġunijiet tassew pożittivi biex tibqa' tgħix. Fil-familja tagħha hemm biss il-missier. Hija tigdiblu fuq l-attivitajiet illegali tagħha u ma jidhirx li hemm xi xogħol ieħor li din it-tfajla tista' tagħmel: għalkemm Irene timxi mal-etika personali tagħha stess, huwa iebes li timmaġina li l-gwadann finanzjarju ma kellux rwol fl-attività tagħha meta wieħed iqis li l-Italja, bħal pajjiżi oħra fin-Nofsinhar



tal-Ewropa, qed tbati minn qgħad għoli fost iż-żgħażagħ[2]... U meta Grimaldi jsaqsiha jekk għandiex "xi proġett, xi ambizzjoni", hija titkellem biss fuq l-"attività" attwali mingħajr l-ebda perspettiva oħra għall-karriera tagħha.

Għalkemm Irene għandha relazzjonijiet ta' mħabba ma' żewġt irġiel differenti, dawn ir-relazzjonijiet ma tantx jidhru mqanqla, b'gideb pjuttost kbir u li fl-aħħar mill-aħħar ma tantx jatuha sodisfazzjon. L-ebda waħda minn dawn ir-relazzjonijiet ma tidher li ser twassal biex jibnu familja jew ikollhom it-tfal: iżda l-istampa tal-hena tal-imgħoddi fil-familja hija waħda preżenti ħafna, iżda hija l-immaġni ta' Irene li ġġib quddiem għajnejha lilha nnifisha bħala tifla żgħira flimkien ma' missierha u ommha li kienet għadha ħajja qegħdin fuq btala f'post bis-silġ. Minkejja dan, wieħed jinnota li m'hemm l-ebda grupp ta' persuni qrib Irene li jkun jista' jagħtiha xi tip ta' appoġġ.

F'termini aktar ċinematografiċi, il-mod ta' kif ingħibed il-film jenfasizza l-iżolament tal-karattri permezz ta' skrins, ħġieġ u twieqi li jkunu ta' xkiel u joħolqu distanza, partikolarment fil-każ ta' Irene. Fl-istess kuntest, il-mużika li tindaqq fuq MP3 plejers tiżola wkoll lit-tfajla miexja waħedha fit-triq qalb nies indifferenti.

Din is-solitudni viżibbli, bla dubju tista' titqies bħala wieħed mir-riżultati tal-individwaliżmu li dejjem qed jikber tas-soċjetajiet tal-Punent, li ġew enfasizzati partikolarment billi l-ideoloġiji politiċi, reliġjużi u tal-istituzzjonijiet ta' soċjalizzazzjoni, bħalma huma l-familja, il-unjons jew l-iskola, il-kbar marru lura[3]. Iżda ż-żieda fil-libertà soġġettiva li tirriżulta minn dan kollhu twassal ukoll għal diffikultajiet ġodda biex jingħata jew biex jinsab sens għall-eżistenza individwali, partikolarment fil-mumenti ta' kriżi bħal dik li tipprovoka l-għażla ta' Grimaldi.

Anke jekk mhijiex risposta diretta kontra din il-kriżi, l-unika passjoni li tassew tħeġġeġ lill-Irene hija l-attività sportiva ta' ċerta intensità – iċ-ċikliżmu u, partikolarment, l-għawm. L-insistenza fuq din l-attività solitarja f'baħar ingazzat li wieħed jeħtieġ jilbes ilbies apposta biex jinżel fih, bla dubju tissimbolizza l-impenn psikoloġiku tat-tfajla, li permezz ta' din l-attività ssib wens għat-tħassib tagħha (li qatt ma jitlissen iżda joħroġ ċar waqt il-filmati tal-ewtanażja). Iżda għal darb'oħra dan huwa sport individwali pprattikat mingħajr kuntatt ma' persuni oħra.

Paradossalment, huwa ma' Grimaldi li tipprova tibni relazzjoni tassew umana, imsejsa fuq il-fiduċja u l-abbandun, partikolarment wara l-mewt taż-żagħżugħ b'diżabilità li tant nikktitha. Hija tesprimilu d-dubji tagħha u, fl-aħħar, tinxteħet imbikkma f'idu. Is-suwiċidju tal-inġinier, li ma setgħetx twaqqaf, iwassal biex jerġa' jitqanqal fiha dak it-tħassib eżistenzjali li għalih issib risposta finali, waħda kważi maġika, meta tmur il-moskea Süleymaniye ta' Istanbul. L-interpretazzjoni tal-parti tal-karta li ttir minħabba t-tromba tal-arja li kien semma Grimaldi titħalla f'idejn l-ispettaturi, iżda dan żgur jidher bħala raġġ ta' tama f'dinja ta' diżappunti.

Michel Condé

Les Grignoux (Liège, il-Belġju)

http://www.grignoux.be

[1] Dan l-isem ifisser "għasel" bit-Taljan.

[2] Fl-2011, il-qgħad fost iż-żgħażagħ ta' anqas minn 25 sena kien ta' aktar minn 40 % fl-Italja u l-Portugall u aktar minn 50 % fi Spanja, il-Greċja u l-Kroazja.

[3] François Dubet, *Le Déclin de l'institution*, Paris, Seuil, 2002.





## XI IDEAT GĦAL DISKUSSJONI

- Miele/Irene: id-dinja tat-tfajla tidher waħda magħluqa ħafna fil-bidu. Minkejja dan, dawn iż-żewġ universi li fil-bidu jidhru separati jispiċċaw jiġu influwenzati ftit ftit minn xulxin X'tista' tkun ir-raġuni għal din l-influwenza li aktar ma jmur aktar tiżdied?
- Il-mużika għandha rwol importanti f'*Miele*: il-mużika takkumpanja partikolarment ix-xeni ta' suwiċidju assistit. Iżda, bla dubju, tintuża b'modi oħra. Il-karattri x'importanza jagħtu lill-mużika? Għaliex il-mużika tidher indispensabbli biex takkumpanja lil dawk li qed imutu?

